MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 18/2003

Il-Pulizija
(Spettur A.P. Miruzzi)
Vs

Joseph Zammit

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) fit-13 ta' Dicembru, 2002 ghall-habta ta' 8.45 a.m. fl-inhawi tal-Karwija limiti ta' Hal Safi, waqt stagun miftuh ghat-tehid ta' ghasafar fuq l-art ghamel uzu minn apparat illegali billi ghamel uzu minn mezz elettriku jew elettroniku ta' tisfir ta' ghasafar registrati (Pre-recorded bird calls) u dan bi ksur ta' A.L. 146/93 Art. 13(1)(b), Art. 13 (3);

2) u aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi zamm b'xi mezz bhal dak imsemmi fis-subparagrafu (a), (b), u (g) tal-paragrafu (1) tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' l-ghasafar u l-Fenek Selvagg ghal skopijiet ta' kacca jew tehid ta' l-ghasafar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Jannar, 2003, li biha wara li semghet ix-xhieda kompriz l-imputat bil-gurament, illiberatu minn kull akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fil-5 ta' Frar, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f'dawn l-akkuzi, w tinfliggi l-piena skond il-ligi, nkluza l-konfiska tal-oggetti esebiti w l-iskwalifika temporanja tal-licenzja ghal skop ta' nsib u kacca.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' li – assumendo li l-provi li kienet ser tisma din il-Qorti kienu l-istess bhal dawk li semghet l-Ewwel Qorti – l-Ewwel Qorti erronjament iddikjarat li kien hemm dubju li l-apparat illegali kien ta' proprjeta' tal-imputat u dubju li kien qieghed juzah u dan ghaliex mill-provi diretti w indiretti prodotti mill-prosekuzzjoni kien jirrizulta car u tond il-ksur tar-regolament 13(1) u (3) maghmula bis-sahha tal-Avviz Legali 146 tal-1993. Fit-tieni lok kien kontrasens li l-Ewwel Qorti rrizervat li tipprovdi dwar il-konfiska fuq rikors appozitu wara li kienet illiberat lill-appellat mill-akkuzi kontrieh . Dan ghaliex il-konfiska tigi ordnata w jkollha effett legali biss jekk u meta jkun hemm dikjarazzjoni w sejbien ta' htija.

Fliet l-atti processwali ;

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tal-5 ta' Gunju, 2003,

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat ;

Illi dan l-appell principalment jimpernja ruhu fuq apprezzament tal-fatti li rrizultaw u ghalkemm ir-regolament 25 (5) tal-Avviz Legali 146 tal-1993 , jaghti dritt t' appell lill-Avukat Generali minn decizjonijiet tal-Qrati tal-Magistrati , xorta wahda din il-Qorti – bhala norma ma tiddisturbax id-diskezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar apprezzament ta' fatti , sakemm ma jkunx jidher car li dik id-diskrezzjoni tmur kontra r-ragjonevolezza w l-logika probatorja w li kienet manifestament zbaljata meqjusa c-cirkostanzi .

Illi x-xhieda f-dan il-kaz kienu z-zewg ufficjali tal-Pulizija li marru fuq il-mansab tal-appellat u l-appellat innifsu .

PC 804 Leonard Formosa xehed li fit-13 ta' Dicembru, 2002, , waqt li hu w PC 389 kienu patrol fl-inhawi tal-Karwija, semghu xi daqq ta' cassette tapes jaghmlu hsejjes tal-ghajjat tal-pluvieri . Resqu lejn l-area u hemm l-ewwel marru fuq persuna li kellha t-tapes u hadulu l-apparat , umbaghad marru fuq nassab iehor li kellu ukoll it-tapes u umbaghad marru fuq l-appellat . Sadattant pero' l-ghajjat kien waqaf ghax x'hin in-nassaba raw il-prezenza tal-Pulizija ntfghew . Kien jidher li l-appellat kien qed jonsob ghall-pluvieri ghax kellu l-pluvieri go qofsa . L-appellat kien bilqeghda w kellu tifel hdejh qed iqattghu xi patata w meta huma staqsewh ghall-"bird caller" kien qalilhom li ma kellu xejn. Fittxewlu fil-kamra w ma sabu xejn, izda PC 389 sab "bird caller" tal-marka Log Vocal" mohbi gol-parti t'isfel ta' forn li kien hemm fid-dura. Meta PC 389 hargu mill-forn jew cooker u ikkomunikah ma batterja ta' karozza li kien hemm fil-gemb tad-dura , dan il-"bird caller" beda jdoqq ghajjat tal-pluvieri. Barra minn hekk elevaw ukoll loudspeaker zghir minn god-dura. Dan kien jidher u mhux mohbi w kien l-ewwel haga li sabu . L-appellat qal li dak l-apparat kien ta' huh.

PC 389 xehed li waqt li kienu fuq il-patrol fil-post u jum fuq imsemmija ,semghu diversi "bird callers" u meta intraccaw minn fejn kienu gejjin , fost xi nassaba ohra, sabu lill-appellat . Dahlu fuqu w meta staqsewh kellux xi "bird

caller" , qalilhom li le u qal li ma jafx x'inhuma w li qatt ma uza wiehed . Pero' huma osservaw it-tails tal-wire ta' "bird caller" li kienu jaslu sa' "speaker" li kien fuq is-saqaf tal-pjanci li kellha d-dura fejn kien l-appellat . Kien urihom cassette tal-karozzi w qalilhom li dak kellu . Ix-xhud qallu li mhux dak ried u li allura kien ser ikollu jfittex bicca , bicca w fil-fatt sab cassette player fil-parti t'isfel ta' forn zghir li kien hemm fl-istess dura. Meta staqsa lill-appellat ta' min kien dan l-apparat , dan wiegbu li mhux tieghu w li seta' kien ta' huh ghax huh kien imur f'dik l-ghalqa wkoll. Meta x-xhud qabbad it-"tail wires" tal-ispeaker mall-cassette u mall-batterija, dan hadem mill-ewwel . Ma jafx pero' jekk daqqx ghana tal-pluvieri. Ma jafx jekk l-appellat kien qed jonsob ghall-pluvieri jew ghal tal-ghana dak in-nhar imma kien Novembru, meta normalment isir insib ghall-pluvieri.

Fil-kontroezami umbaghad ix-xhud qal li ma jafx jekk il-"wire" li kien iwassal ghall-ispeaker kienx jidher mall-ewwel . Jaf li sabuh pero' . L-appellat u tifel kienu qed iqaxxru l-patata. Ma jiftakarx jekk rax gageg tal-pluvieri. Hu jiddistingwi bejn ghana tal-pluvieri u ghana t' ghasafar ohra. Huma kien sabu erba "bird callers" dak in-nhar u tal-appellat kien it-tielet wiehed. Malli huma dahlu f' dik iz-zona it-tisfir waqaf kollu. Fil-hin li dahlu huma ma jistax jghid li l-apparat tal-appellat kien qed idoqq. Pero' tant kienu vicin li kienu qalu hawn wiehed hawn , wiehed hemm. Hu jiddistingwi bejn hoss ta' "bird caller" u suffara tal-pluvieri. Il-hoss li semghu ma kienx bis-suffara mija fil-mija. Hu ma setax ikun cert li l-"bird caller" li sabu fid-dura fejn kien l-appellat kien qed idoqq dak in-nhar pero' huma ma hadux l-apparat ghax kien qed idoqq dak il-hin imma ghax sabuh hemm.

Meta xehed quddiem din il-Qorti , l-appellat qal li kien qed jonsob ghall-pluvieri imma kien qed iqaxxar il-patata biex tinzergha ukoll meta gew il-Pulizija fuqu u fil-mansab jonsob hu w zewg hutu flimkien , daqqa wiehed , daqqa iehor. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx jaf bl-apparat li kien hemm fid-dura, l-appellat irrisponda tangenzjalment li hu qatt m'uzah . Umbaghad wara domanda ohra tal-Qorti qal li ma kienx jaf bih. Mistoqsi mill-gdid mill-Qorti jekk kienx jaf bl-apparat fid-dura, l-appellat rega rrisponda

tangenzjalment li jahseb li mhux kontra l-ligi li jkun ghandek tali apparat. Qal li hu ma jafx ta' min hu l-apparat. Mistoqsi jekk hux ta' xi hadd minn hutu u jekk iva ta' min minnhom , l-appellat wiegeb li ma jafx ta' min hu. L-ghalqa hi bejn it-tlitt ahwa. L-apparat ma kienx armat meta gew il-Pulizija. Il-forn fejn sabu l-cassette player il-pulizija kien qiesu armarju w l-ispeaker kien merfugh fih imkebbeb . Il-forn kien cooker minn tad-dar u kellu l-burners ta' fuq jahdmu biex taghmel xi naqra te'. Isfel ma kienx tajjeb pero'. It-tifel kien ta' huh Raymond u kellu xi 15 – 16 il-sena. Hu kien ilu hemm forsi saghtejn u missier it-tifel kien wasslu hemm umbaghad mar jaghalef u kienu qed istennewh li jigi lura biex jizirghu l-patata . Hu ghandu licenzja kemm ta' nassab kif ukoll ta' kaccatur. Hemmhekk go kull ghalqa jonsbu w n-nassaba l-ohra ikunu hemm jonsbu bil-lejl u bin-nhar

Din il-Qorti kellha bil-fors taghmel dan ir-riassunt pjuttost estensiv tal-provi li nstemghu quddiemha , ghax b'hekk biss jista' jsir mill-gdid l-apprezzament taghhom.

Illi mhux kontestat li fil-jum , hin u lok imsemmija fic-citazzjoni l-appellat kien qed jonsob ghall-pluvieri , sia pure waqt li qed jipprepara l-patata ghaz-zergha gewwa l-istess dura minn fejn kien qed jonsob. Illi jirrizulta ampjament li fl-istess dura kien hemm attrezzi li flimkien jaghmluha possibbli li wiehed juza sistemi elettronici w partikolarment l-uzu ta' tisfir ta' ghasafar registrati (pre-recorded bird calls) li l-uzu taghhom hu pprojbit bir-regolament 13 (1) (b) u li z-zamm taghhom hu projbit bir-regolament 13 (3) tal-Avviz Legali 146 ta' l-1993. Illi rrizulta ukoll li ghalkemm dawn il-bicciet separati tal-apparat ma kienux kumnikati ma xulxin , appena l-pulizija kkompletat ic-"circuit" bejn il-batterija li kien hemm fid-dura, l-speaker li instab fuq is-saqaf tad-dura u l-cassette li nstab gol-parti t'isfel tal-cooker , l-apparat hadem u beda jdoqq tisfir tal-pluvieri .

Illi ghalkemm ma jirrizultax b'mod li ma jhallix dubju dettat mir-raguni li l-appellat dak il-hin li marru fuqu l-pulizija jew ftit hin qabel kien qed juza dan l-apparat , din il-Qorti hija konvinta sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellat li dak

il-hin kien hu li qed jonsob fil-mansab in kwistjoni ma setax ma kienx jaf bl-ezistenza tal-apparat inkriminat fid-dura li kien fiha . Dura minnha nnifisha tkun tikkonsisti fi spazju zghir u ristrett li jippermetti lil dak li jkun li jkun jaf sal-inqas zrara li jkun fiha w xejn ma hu probabbli jew verosimili li l-appellat ma kienx jaf bl-ezistenza ta' dan l-apparat jiccirkondah fi spazju hekk ristrett kif ipprova jaghti x'jifhem meta marru fuqu l-pulizija . Il-batterija tal-karozza kienet tidher u l-leads jew tails tal-wire tal-speaker kienu ukoll vizibbli w mhux verosimili li l-appellat – li hu nassab u kaccatur licenzjat - ma kienx jaf ghal x'hix dawn kienu intizi w ghala kienu hemm. Ma hix verosimili l-versjoni tal-appellat li ma kienx jaf bihom u li ma kienx jaf bl-ezistenza tal-cassette player li kien fil-forn , anki jekk dan kien ta' xi wiehed minn hutu , ghalkemm baqa' ma qalx ta' min minnhom kien u evada diversi domandi fir-rigward tal-proprjeta' ta' dawn l-oggetti. Pero' mic-cirkostanzi kollha rizultanti , li prezumibilment kienu l-istess li nstemghu quddiem l-Ewwel Qorti , din il-Qorti hija altru milli sodisfatta li jirrizulta li ladarba l-appellat kien fil-kontroll esklussiv tad-dura dak il-hin , liema dura hu kien ko-proprjetarju jew ko-detentur taghha , jirrizulta li hu kellu l-pussess tal- u kien qed izomm l-istess apparat inkriminat ghal skopijiet ta' kacca jew tehid ta' l-ghasafar bi ksur tar-regolament 13 (3) fuq imsemmi u dana anki jekk ma kienx qed jaghmel uzu minnu proprju dak il-hin . L-ispjegazzjoni li pprova jaghti l-appellat biex jirribatti dawn il-provi ndizjarji kollha li jippuntaw f'direzzjoni wahda hija fjakka, mhux attendibbli w inverosimili .

Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk l-Ewwel Qorti ghalkemm kienet gustifikata li tillibera lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni li tirrigwarda l-uzu tal-apparat inkriminat , ma setghetx taghmel l-istess fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li tirrigwarda iz-zamma jew il-pussess tal-apparat inkriminat u , meta ghamlet dan, marret kontra l-provi ndizjarji sodi w skjaccanti li bil-logika , r-ragonevolezza w l-buon sens kienu jindikaw xort' ohra.

Illi inoltre din il-Qorti trid tirrileva li l-motivazzjoni succinta li tat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata lanqas ma tidher guridikament korretta meta qalet li "fid-dubju li l-apparat

illegali kien ta' PROPRJETA' tieghu (tal-appellat) ….ma ssibux hati " ghaliex il-ligi fir-regolament 13 fuq imsemmi mkien ma tesigi li tigi pruvata l-proprjeta' tal-oggett inkriminat imma bizzejjed li jirrizultaw ghall-fini tal-ewwel imputazzjoni l-UZU u ghall-fini tat-tieni mputazzjoni L-PUSSESS jew iz-zamma tal-istess oggetti inkriminati , ghal skop ta' kacca jew tehid ta' ghasafar . Ghalhekk, kien ta' min kien l-apparat, la dak il-hin kien taht il-kontroll u pussess effettiv tal-appellat , kif irrizulta b'mod lampanti, r-reat taz-zamm ta' tali oggetti jissussisti .

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali limitatament , billi tirriforma s-sentenza appellata kif ser jinghid u cioe' billi tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu w billi tirrevokaha in kwantu lliberatu mit-tieni imputazzjoni w fejn iddikjarat li dwar il-konfiska kellha tipprovdi fuq rikors appozitu w minnflok issib u tiddikjara lill-appellat hati tal-istess tieni imputazzjoni , u , wara li rat ir-Regolamenti 13 (1) (b) u (3) , 25 (1) (2) (a) u (3) tal-Avviz legali 146 ta' l-1993 maghmula taht l-Att V tal-1991 biex Ihares l-Ambjent u l-artikoli 23 u 30 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta , tikkundanna lill-appellat ghall-multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) u tiskwalifika lill-appellat milli jkollu jew jikseb l-licenzji kollha tal-kacca w nsib jew zamma ta' armi tal-kacca ghal zmien sena mil-lum, u inoltre tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-apparat kollu elevat mill-Pulizija konsistenti fil-"bird caller" esebit formalment minn PC 804 quddiem l-Ewwel Qorti .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------